# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2640

Każ Nru 3647/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Julia Buckel

u

Goldfox Enterprises Limited

Data: 4 ta' Diċembru 2019

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avv. Peter Fenech fl-1 ta' Ġunju 2018, f'isem Julia Buckel li allegat li fit-28 ta' Frar 2018, hija kienet ġiet liċenzjata illegalment minn mas-Soċjetà Goldfox Enterprises Limited. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata mill-Avv. Matthew Brincat innegat dan. Inżammu għaxar seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba in-numru ta'seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrenti, li kienet impjegata bħala *People and Operations Manager* mas-Soċjetà Goldfox Enterprises Limited, wara li għadda l-perijodu ta' prova kienet twettaq firxa wiesa ta' doveri u kien ikollha *feedback* pozittiv mis-superjuri tagħha. F'daqqa waħda ġiet imsejħa

għall-laqgħa mall-fundatur tas-Soċjetà fejn infurmaha li kienet qed tiġi liċenzjatha. Meta staqsietu r-raġuni tgħid li qalilha li dan minħabba il-*feedback* li kellu mill-kollegi tagħha. Dawn ma kienux imfissra u spjegazzjoni kien hemm biss fl-ittra li intbagħatitilha fit-12 ta' Marzu, 2018. F'din l-ittra issemmew raġunijiet li ma kienu xejn ħlief allegazzjonijiet inkorretti peress li dejjem qdiet xogħolha skond id-direzzjonijiet li ngħatat u qatt ma għamlet xi ħaġa li b'xi mod setgħet tipperikola lis-Soċjetà. Is-Soċjetà Intimata tallega li r-Rikorrenti ma kienitx taqdi d-doveri tagħha skond li *standards* meħtieġa. Matul iż-żmien li kienet tahdem ġiet imwissija kemm il-darba biex taqdi dmirijietha aħjar u ttejjeb il-kwalità tax-xogħol tagħha li baqa' ma laħaqx il-livell meħtieġ mis-Soċjetà.

## 3. Konsiderazzjonijiet

L-impjieg tar-Rikorrenti mas-Soċjetà Intimata dam sitt xhur biss. Iż-żmien ta' prova kien ta' tliet xhur u dan ġie konfermat mingħajr problemi. Dan ifisser illi dak kollu li ġiet addebitata r-Rikorrenti kien jirreferi għall-aħħar tliet xhur tal-impjieg tagħha. Kienu diversi l-akkużi kontra r-Rikorrenti iżda jidher li r-raġuni ewlenija għat-tkeċċija kienet li tat informazzjoni fuq salarji lill-impjegati oħra u dana ikkawża dannu lis-Soċjetà Intimata. Mhux ċar meta u fliema okkażjoni dana sar għaliex Julian Mautner, il-fundatur tas-Soċjetà Intimata, sempliċiment jgħid li saret quddiemu (seduta 14.11.18). Jgħid li immedjatament sejħilha u tterminala l-impjieg tagħha. Dana huwa inċident li ssemma biss minn Julian Mautner. Ir-Rikorrenti tgħid li qatt ma rċeviet twissija. Anzi kemm Jan Sell, li kien il-*line manager* tar-Rikorrenti, kif ukoll Hannes Schulz, iċ-*Chief Technology Officer*, f'affidavit tagħhom (JS1 u HS1 rispettivament) kellhom kliem ta' tifħir għall-operat tagħha u skantaw meta semgħu bit-tkeċċija tagħha. It-Tribunal ikkunsidra l-akkużi kollha li saru kontra r-Rikorrenti u ma jqisx illi dawn b'xi mod setgħu jiġu kunsiderati bħala raġuni ġusta għal-liċenzjament tagħha. L-akkuża prinċipali kif imsemmija minn Julian Mautner tista forsi titqies bħala kawża ġusta iżda ma tgħaddix fil-fehma tat-Tribunal mit-test tas-suffiċjenza. Kienet forsi timmerita twissija serja iżda mhux raġuni li timmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-Rikorrenti Julia Buckle minn mas-Soċjetà Intimata Goldfox Enterprises Limited ma kienitx għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

## 5. Kumpens

Wara li ra l-Artikolu 81(2) tal-Kap 452, iż-żmien li r-Rikorrenti damet mingħajr impjieg wara l-liċenzjament u s-salarju li kellha t-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrenti Julia Buckel mis-Soċjetà Intimata fl-ammont ta' €21,000 (wieħed u għoxrin elf ewro) li jridu jitħallsu mhux iktar tard mill-4 ta' Jannar 2020.

## 6. Drittijiet

A tenur ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja